MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 246/2013

**Appell Nru. 246/2013**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Roderick Cauchi**

**Illum 28 ta' Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 381788 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xahar ta' Dicembru 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Sandra Grech u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew

stipulata bil-kuntratt bhala maneteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-6 ta’ Dicembru, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu gimghatejn detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Mejju, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata konsegwentement tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrih, kif ukoll minn kull piena u htija skond il-ligi. Alternattivament, tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant u tnaqqas b’mod sostanzjali l-piena lilu nflitta, hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :-

Illi primarjament l-esponenti akkuzat illi li naqas li jaghti “lil martu Sandra Grech u jew lil uliedek” is-somma ffissata bil-Qorti ghal manteniment, meta fil-fatt huwa qatt ma naqas li jaghti lil martu l-ebda manteniment ghaliex huwa qatt ma kien mizzewweg. Lanqas ma qatt naqas illi jaghti lill-uliedu direttament il-manteniment ghaliex hu mhux dovut jaghti manteniment lilhom (ghaliex m’hemmx kuntratt maghhom) izda ghalihom, u ghaldaqstant l-akkuza kif dedotta ma tissussistix.

Illi jekk kien hemm perjodu illi Sandra Grech ma rcevietx manteniment certament ma kienx fil-perjodu ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012) izda xhur ferm qabel meta l-esponenti kien korra fuq ix-xoghol.

Illi oltre minn hekk Sandra Grech ma tellghet l-ebda prova illi turi kif waslet ghal konkluzjoni li l-manteniment ta' Dicembru 2012, partikolarment ma thallasx u ghaldaqstant dan jitfa` dubbji serji fus is-sussistenza tar-reat, f'liema kaz ghandha tigi applikata l-massima in dubio pro reo.

Illi l-esponent hassu aggravat b'din is-sentenza u ghaldaqstant qed tinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kellu zewg tewmin Jack Cauchi Grech u Nick Cauchi Grech mir-relazzjoni li kellu mal-parti leza Sandra Grech. Din ir-relazzjoni spiccat f'diffikultajiet u b'digriet tal-Qorti tal-Familja tal-31 ta' Jannar ta' l-2011, l-appellant kien obbligat li jhallas lil Sandra Grech €250 kull erba' gimghat. Dan id-digriet gie kkonfermat f'sentenza defenittiva moghtija mill-istess Qorti tal-Familja fit-8 ta' Novembru ta' l-2012. Il-parti leza qeghdha tilmenta li ma rcivietx pagamenti ghax-xahar ta' Dicembru ta' l-2012 u ghamlet rapport lil Pulizija li pprocedew kontra l-appellant. B'sentenza moghtija fis-6 ta' Mejju ta' l-2013, l-appellant instab hati ghal dan in-nuqqas ta' pagament u gie kkundannat gimghatejn ditenzjoni.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell u l-aggravju tieghu principalment qieghed ghal fatt li huwa kien korra fuq ix-xoghol, ma setax ikompli bil-pagamenti u di piu kien qieghed ihallas ammonti zejda lil parti leza sabiex jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas ta' pagament ta' Dicembru ta' l-2012. Dan pero gie ribadit mill-parti leza fejn baqghet tinsisti li hija ma rcevietx il-pagament ghal Dicembru 2012.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti tigi infaccata b'diversi sitwazzjonijiet fejn debitur jonqos milli jesegwixxi l-obbligazzjonijiet tieghu

minhabba raguni jew ohra, principalment meta dak li jkun jimrad, jisfa' bla xoghol jew inkella jkollu xi incident, izda l-Qrati taghna qatt m'accettaw dikjarazzjonijiet generici minghajr provi konkreti u dejjem insistew li dak li jkun ihallas l-obbligazzjonijiet kontrattwali jew inkella kif ordnati mill-Qorti Civili. Fil-kawza l-Pulizija kontra Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998, il-Qorti qalet '… jekk il-persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligi taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obligu sancit bir-reat tan-natura kontrovenzjonali li tahtu huwa akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utli lil Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjuzzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment u biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligi tal-hlas skond l-ewwel digriet'. (Ara ukoll Pulizija vs Alfred Camilleri 18 ta' Settembru 2002).

L-appellant m'ghamel xejn minn dan u arbitrarjament iddecieda li ma jhallas il-manteniment dovut lil parti leza ghax-xahar ta' Dicembru ta' l-2012 biex mbghad, skond hu jhallas ratealment fix-xhur ta' wara. Il-parti leza m'accettatx dan l-arrangament u baqghet tinsisti li tircievi shih il-pagament ta' Dicembru 2012. Ghalhekk peress illi dan baqa' ma wasalx, l-ewwel Qorti bir-ragun sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu gimghatejn ditenzjoni illi kienet fil-parametri tal-Ligi.

Ikkunsidrat.

Il-principju regolatur hu li ghal dak li jirrigwarda l-piena, mhux normali illi l-Qorti ta' l-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-paramentri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dak li tkun fil-fatt. Pero, fis-seduta ta' l-10 t'Ottubru ta' l-2013, dehret il-Parte Civili, fejn iddikjarat li kienet qed tircievi l-hlas seduta stante u li

ma kelliex aktar pendenzi kontra l-appellant, ghal fini ta' din il-kawza. Filwaqt li din il-Qorti tincensura lill-appellant 'l ghala kellu jistenna propju s-seduta tal-Qorti biex jaghmel il-hlas, tara dan il-pagament bhala turi ta' buona volonta u ghalhekk jista' jaghti l-kaz ta' temperament fil-piena. Fil-kawza Pulizija vs Publius Said (25.09.2003) inghad 'L-iskop tal-legislatur meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti, sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timponixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupulozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena…' U dan huwa propju dak illi ser taghmel din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell in parte, tikkonferma s-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija izda tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok gimghatejn ditenzjoni, tillibera lill-appellant taht il-provedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------